KUNSILL LOKALI **SLIEMA** LOCAL COUNCIL

**Ref: Seduta 06_19/08/09 VI**

## MINUTI TAS-SITT SEDUTA

**Is-sitt seduta** tas-Sitt Kunsill Lokali ta' Sliema nżammet l-Erbgħa **19 ta' Awwissu, 2009** fl-Uffiċċji Amministrattivi, fi Triq Depiro, Sliema.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| **Sindku:** | **Nikki Dimech** |
| **Viċi Sindku** | **Johanna Gonzi** |
| **Kunsilliera:** | **Marianne Aquilina**<br>**Sandra Camilleri**<br>**Edward Cuschieri**<br>**Martin Debono**<br>**Cyrus Engerer**<br>**Julian Galea**<br>**Nicolai Gauci**<br>**Patrick Pace** |
| **Skużati:** | **Yves Boby Cali** |
| **Segretarju Eżekuttiv:** | **Josef Grech**<br>**Stefania Friggieri** |

Is-seduta bdiet fil-5.30 ta' fil-għaxija b'din l-agenda:

1. Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti tas-seduti 02_15/07/09, 3Ad hoc_4/08/09, 4Ad hoc_12/08/09 u 5 Ad hoc_13/08/09
2. Materji konnessi mal-minuti
3. Korrispondenza u komunikazzjonijiet mis-sindku/segretarju eżekuttiv
4. Mistoqsijiet mill-kunsilliera
5. Approvazzjoni tal-pagamenti
6. Aġġudikazzjoni tat-tender – *EU Funding Services*
7. Affarijiet Oħra

**1. Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti tas-seduti 02_15/07/09, 3Ad hoc_4/08/09, 4Ad hoc_12/08/09 u 5 Ad hoc_13/08/09**

1.1 Is-sindku N. Dimech ippropona li jiġu approvati l-minuti tas-seduta 02_15/07/09 filwaqt li l-kunsillier P. Pace issekondah. Il-viċi sindku J. Gonzi, il-kunsilliera M. Aquilina, S. Camilleri, E. Cuschieri, M. Debono, C. Engerer, N. Gauci u J. Galea ivvotaw favur. Il-minuti ġew approvati.

1.2 Is-segretarju eżekuttiv qara l-minuti tas-seduta 3Adhoc_4/08/09 minħabba l-fatt li uħud mill-kunsilliera ma kienux qraw il-minuti. Kien hemm korrezzjoni fis-sitt linja ta' punt 2/3 li flok il-kelma '***l-okkupant'*** trid tinqara '***tas-sid'***. Il-kunsillier J. Galea ippropona li jiġu approvati l-minuti hekk kif korretti filwaqt li l-kunsillier P. Pace issekondah. Is-sindku N. Dimech, il-viċi sindku J. Gonzi, il-kunsilliera M. Aquilina, S. Camilleri, E. Cuschieri, M. Debono, C. Engerer u N. Gauci ivvotaw favur. Il-minuti ġew approvati.

1.3 Is-segretarju eżekuttiv qara wkoll il-minuti tas-seduta 4Ad hoc_12/08/09. Kien hemm korrezzjoni fit-tielet paragrafu ta' item 1 li trid tinqara '***m'hemmx riferenza għalija fil-liġi'*** minflok '***mhuwiex daqshekk legali'***. Fl-aħħar paragrafu l-ewwel sentenza trid tibda 'Fuq proposta tal-kunsilliera M. Aquilina'. Is-sindku N. Dimech ippropona li jiġu approvati l-minuti kif korretti. Il-kunsillier C. Engerer issekondah. Il-viċi sindku J. Gonzi, il-kunsilliera M. Aquilina, S. Camilleri, E. Cuschieri, J. Galea u P. Pace ivvotaw favur. Il-kunsilliera M. Debono u N. Gauci ivvotaw kontra minħabba li ma kienux preżenti għal din is-seduta. Il-minuti ġew approvati.

1.4 Is-segretarju eżekuttiv qara wkoll il-minuti tas-seduta 5Ad hoc_13/08/09. Ma kien hemm l-ebda korrezzjoni. Is-sindku N. Dimech, il-viċi sindku J. Gonzi, il-kunsilliera S. Camilleri, E. Cuschieri u P. Pace ivvotaw favur. Il-kunsilliera M. Aquilina, M. Debono, C. Engerer, J. Galea u N. Gauci astjenew minħabba li ma kienux preżenti għal din is-seduta. Il-minuti ġew approvati.

**2. Materji konnessi mal-minuti.**

2.1 Ma kien hemm ebda materji konnessi mal-minuti 02_15/07/09.

2.2 Il-kunsillier C. Engerer ġibed l-attenzjoni li fis-seduta 3Ad hoc_4/08/09 il-kunsill kellu jagħmel kuntatt mal-kunsill lokali tal-Belt dwar il-*visual impact* li se jiġi affettwat minħabba l-proġett ta' Tigne (MIDI) PA 00621/05.

2.3 Il-kunsillier J. Galea irrefera għall-istess seduta 3Ad hoc_4/08/09 fejn il-kunsill kien qabel li joġġezzjona għall-parti mil-proġett ta' Tigne (MIDI). Il-kunsillier J. Galea issuġġerixxa li l-kunsill għandu jibgħat stqarrija għall-istampa dwar dan. Il-kunsill qabel ma dan filwaqt li għandu jara l-avukat tal-kunsill qabel ma tintbagħat din l-istqarrija.

2.4 Il-kunsilliera S. Camilleri irreferiet għas-seduta 4Ad hoc_12/08/09 fejn fil-bidu tagħha il-kunsill kien ġie infurmat li l-Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali kien stieden lill-kunsill għall-inawgurazzjoni tal-funtana fi Triq il-Kbira minn ġurnata qabel biss, u l-kunsill kien qabel li għandu jikteb l-istess Ministeru biex f'okkażjonijiet bħal dawn għandu jkun hemm aktar kooperazzjoni min-naħa tal-Ministeru fejn il-kunsill ikun aktar involut u kkonsultat. Il-kunsilliera S. Camilleri qalet li l-kunsill kien qabel li ħadd m'għandu jmur għal din l-okkażjoni. Il-kunsillier C. Engerer qal li mhuwiex minnu li l-kunsill kien qabel li ma jur ħadd, filfatt il-kunsill kien qabel li għandu jikteb lill-Ministeru biex ikun hemm aktar

kooperazzjoni. Il-kunsillier E. Cuschieri qal ukoll li ma kienet ittieħdet l-ebda deċiżjoni li jmur ħadt filfatt kien hemm tlett kunsilliera li kienu marru għal din l-okkażjoni. Il-kunsilliera S. Camilleri qalet li hija tinsab urtata li dak li jintqal waqt is-seduta tal-kunsill qiegħed jingħat lill-Ministeru għaliex qalet li l-Ministru sar jaf li xi ħadd kien semma li l-kunsill ma jmurx. Is-sindku N. Dimech qal li m'għandu dritt jobbliga lil ħadd min imur jew le u insista li l-kunsill kien qabel li għandu jikteb lill-Ministeru fejn ngħidulu li l-kunsill jixtieq li jkun hemm aktar kooperazzjoni u koordinazzjoni fejn jidħlu proġetti f'Tas-Sliema. Filfatt is-sindku N. Dimech qal li wara li l-Ministeru rċevew l-ittra ġie is-Sur Olivier Lautier mill-istess Ministeru fejn iltaqa' mal-kunsill u s-sindku qallu li l-kunsill irid jimxi id if'id. Is-sindku N. Dimech informa lill-kunsilliera preżenti li hu kellmu wkoll dwar il-pjanijiet li hemm fi Qui si sana. Is-Sur Lautier qal li bħalissa l-Ministru jinsab imsiefer. Is-sindku informa lis-Sur Lautier li jekk il-pjanijiet ta' Qui si sana ma jingħatawx lill-kunsill sa l-ewwel ġimgħa ta' Settembru, 2009, il-kunsill se jibda jmexxi għal rasu.

2.5 Il-kunsillier M. Debono irrefera għas-seduta 5Ad hoc_13/08/09 dwar il-kuntratt tal-ġbir ta' l-iskart. Il-kunsillier M. Debono qal li l-kunsill kien qabel li jmur għal dawk il-kuntratturi li kienu ġew it-tieni u t-tielet fejn staqsa għalfejn il-kunsill ma rreferiex għar-rati li kienu ssottometti madwar tlett snin ilu. Is-Sindku N. Dimech qal li skont il-parir ta' l-avukat il-keluu jistaqsi għal stimi mingħand dawn il-kuntratturi minħabba li l-kunsill kien aġġudika dan it-tender żmien ilu. Is-sindku fakkar li dan kien stat ta' emerġenza minħabba s-servizz ħażin li kien qiegħed jingħata minn Transline Co. Ltd.

2.6 Is-sindku N. Dimech li hemm bżonn li l-ġimgħa d-dieħla jiltaqa is-sotto kumitat ta' l-iskart.

### 3. Korrispondenza u komunikazzjonjiet mis-sindku/segretarju eżekuttiv

3.1 Is-segretarju eżekuttiv tkellem dwar il-ġbir ta' skart organiku fejn kellna proposta mill-kunsill ta' San Giljan biex jinġabar l-iskart flimkien. Il-kunsill għandu jiddiskuti dan fis-sotto kumitat ta' l-iskart għaliex kull lokalita' għandha l-problemi tagħha.

3.2 Talba mill-Ministeru Riżorsi u Affarijiet Rurali biex isiru l-*corecuts* fix-Xatt. Filwaqt li l-kunsill jixtieq aktar dettalji, ma jsib l-ebda oġġezzjoni diment li għandu l-permessi neċessarji u jerġgħu jiksu kollox kif kien.

3.3 Is-sindku fakkar li kien bagħat email lill-kunsilliera kollha dwar xi pjanijiet li l-kunsill jista jagħmel għall-proġetti li jistgħu jsiru. Il-kunsillier N. Gauci qal li hemm bżonn nagħmlu aktar attivitajiet għaż-żgħażagħ u ngħaqqdu l-għaqdiet sportivi.

3.4 Is-segretarju eżekuttiv informa lill-kunsilliera preżenti li t-talba għal sejħa ta' offerti dwar il-*contracts manager* u s-sejħa għall-*expression of interest* għall-magazin tagħlaq il-Ġimgħa 28 ta' Awwissu, 2009. Is-segretarju eżekuttiv qal li l-kunsill irid jafforma bord għaż-żewġ sejħiet. Fir-rigward tas-sejħa għall-expression of interest il-kunsill qabel ma jiddiskutiex minħabba li l-kunsillier B. Cali ma setgħax ikun preżenti għal din il-laqgħa. Fir-rigward għas-sejħa tal-*contracts manager* il-kunsilliera preżenti qablu li kull kunsillier jista jkun fil-bord. Is-Sindku N. Dimech informa li f'każ li jkun hemm *interviewing bord* dan jiltaqa' filgħodu.

3.5 Is-segretarju eżekuttiv irrefera għall-korrispondenza mill-MEPA dwar il-*UIF Funding*. Il-kunsill ta' qabel kien iddeċieda li jagħmel rapport bil-perit tal-kunsill kif ukoll bi stima kemm jiġi l-*embellishment* tas-*Sliema Playing Fields*. Il-kunsill għandu jibgħat dan l-istess rapport lill-MEPA sat-3 ta' Settembru, 2009.

3.6 Il-kunsilliera S. Camilleri ġibdet l-attenzjoni li qiegħed ikun hemm daħna kbira li qegħda titla fil-gallariji tan-nies, minħabba l-*barbecues* li qegħdin isiru n-naħa ta' Qui si sana, b'mod speċjali fil-*weekends*. Il-kunsillier N. Dimech qal li l-kunsill għandu jibgħat il-*green wardens* għal xahar sħiħ biex jitnaqqas dan l-abbuż.

3.7 Il-kunsilliera S. Camilleri qalet ukoll li t-taraġ ta' Fond Għadir qiegħed ikun maħmuġ. Is-segretarju eżekuttiv ġibet l-attenzjoni li dan kien qiegħed isir matul is-Sajf bil-kollabarozzjoni ta' l-MTA iżda din is-sena l-MTA ma setgħux joffru l-għajnuna tagħhom.

3.8 Il-kunsilliera S. Camilleri staqsiet lill-kunsill biex jindaga dwar it-tined li qieghed ikun hemm fuq il-beaches li skont il-fehma tagħha l-liġi tgħid li dawn jistgħu joqgħodu minn sbieħ ix-xemx sa' nżul ix-xemx. Il-kunsill għandu jiċċekkja dwar dan.

3.9 Il-kunsilliera S. Camillieri staqsiet ukoll nistgħux nagħmlu latrini pubbliċi fl-area ta' Qui si sana. Is-sindku reġa fakkar li hemmhekk se jsir proġett sħiħ fejn talab għall-pjanijiet tagħhom lill-Ministeru tar-Riżorsi u Affarijiet Rurali.

*Il-kunsilliera S. Camilleri ġiet skużata li titlaq mis-seduta fis-7.40pm.*

3.10 Is-segretarju eżekuttiv irrefera għall-applikazzjonijiet mill-MEPA dwar installazzjoni ta' *ticketing booth* fix-Xatt bir-referenza PA 2263/09 u PA 2261/09. Il-kunsill qabel li għal dan għandhom ikunu involuti t-*Trade Licensing Unit*, id-Dipartiment ta' l-Artijiet u l-MEPA. Il-kunsill qabel li dawn m'għandhomx jiġu pproċesati qabel ma jkun hemm *master plan* u *policy* waħda għal kulħadd. Il-kunsillier J. Galea fakkar li l-kunsill kien diġa tkellem dwar il-kiosks li hemm f'Għar id-Dud li jridu jitneħħew fi tmiem is-Sajf. Il-kunsillier J. Galea qal ukoll li l-membru parlamentari Jason Azzopardi kien ħareġ stqarrija għall-istampa fejn informa li qabel is-Sajf kellhom jiġu rregolarizzati, pero għadu ma sar xejn. Il-kunsill għandu jiċċekkja dwar dan.

3.11 Il-kunsillier N. Gauci tkellem dwar il-kamra tas-sajjieda li hemm taħt l-*ex taormina kiosk*, għaliex id-Dipartiment ta' l-Artijiet għadu ma ħariġx il-permess. Il-kunsill kien diġa kiteb lid-Dipartiment ta' l-Artijiet dwar dan.

3.12 Is-segretarju eżekuttiv ressaq it-talba tas-Sur Naudi ta' l-*Active Enterprises* biex ibiddel l-*istreet furniture*.

*Is-sur Cuschieri telaq mis-seduta fis-7.54pm*

Dwar it-tibdil ta' dawn it-tip ta' għamara kien hemm diversi diskussjonijiet. Kien hemm min qabel li fi Triq it-Torri ir-riklami għandhom jkunu l-istess. Kien hemm min qal li dawn għandhom jitnaqqsu għal tmintax. Il-kunsilliera M. Aquilina u C. Engerer ma jaqblux mal-kunċett sħiħ ta' dan ir-riklamar u ma jaqblux li jitpoġġew. Il-viċi sindku J. Gonzi qalet li hi taqbel speċjalment la l-kunsill għandu tip ta' dħul minnhom u fl-istess ħin jistgħu jintużaw bħala sens ta' protezzjoni. Il-kunsillier J. Galea jaqbel li jħalli li hemm u ma jiżdied xejn aktar. Il-kunsillier N. Dimech qal li hemm bżonn li niltaqgu *on site* u naraw eżatt x'hemm bżonn.

Il-kunsillier C. Engerer ippropona li dawn l-*istreet furniture* għandhom jitneħħew u li għandu jinqala kollox. Ġie ssekondat mill-kunsillier M. Debono. Il-kunsilliera M. Aquilina u Nicolai Gauci ivvotaw favur din il-proposta. Is-Sindku N. Dimech, Il-viċi sindku J. Gonzi, il-kunsilliera J. Galea u P. Pace ivvotaw kontra din il-proposta. Minħabba li l-voti

ġew erba favur u erba kontra s-sindku N. Dimech ħa l-*casting vote* u ivvota kontra. Il-proposta m'għaddietx.

Is-sindku N. Dimech għamel proposta li għandu jinżel fuq il-post flimkien mal-kunsillier M. Debono u jara kemm hemm bżonn. Ġie ssekondat mil-viċi sindku J. Gonzi. Il-kunsilliera M. Debono, J. Galea, N. Gauci u P. Pace ivvotaw favur din il-proposta. Il-kunsilliera M. Aquilina ivvotat kontra filwaqt li l-kunsillier C. Engerer astjena. Il-proposta għaddiet b'sitt voti favur.

3.13 Is-segretarju eżekuttiv informa lill-kunsilliera preżenti li l-kunsill ipparteċipa fl-inizjattiva premju lokalitajiet indafa permez ta' memo 47/2009.

3.14 Talba mill Melita plc għal permess ta' *mobile van* biex jitpoġġa f'Tas-Sliema għal madwar tlett darbiet f'ġimgħa. Il-kunsill qabel li dan għandu jingħata permess fi Triq it-Torri għal darba biss.

3.15 Is-sindku N. Dimech ressaq talba ta' residenta biex is-servizz tas-*circular bus* jiġi pprovdut ukoll il-Ħdud u festi pubbliċi. Il-kunsill qabel li għandna nibdew is-servizz minnufih u jkun sa' l-aħħar ta' Ottubru, 2009. Il-kunsillier M. Debono issuġġerixxa li l-kunsill għandu japplika għal fondi ta' CPPS mill-MEPA biex jgħinu għall-ispejjeż li nonfqu għal dan is-servizz.

*Il-kunsillier P. Pace ħareġ mis-seduta fit-8.30pm*

3.16 Is-segretarju eżekuttiv ressaq korrispondenza dwar is-*Sliema volleyball club*. Il-kunsillier J. Galea qiegħed jieħu ħsieb dan.

3.17 Is-sindku N. Dimech informa dwar il-pagamenti li l-kunsill għandu jeħles lil Polidano Bros, fejn qal li jixtieq li qabel ma jingħata l-kuntratt il-ġdid il-bilanċ ikun zero. Is-Sindku N. Dimech qal li Polidano Bros għandhom jiffirmaw ittra ta' ftehim dwar l-ammonti u malli tiġi iffirmata min-naħa tagħhom il-kunsill ikun jista jibgħat il-pagamenti, u tidher fil-*grey area* ta' l-iskeda tal-pagamenti tas-seduta li jmiss. Il-kunsilliera preżenti qablu ma dan.

Il-kunsillier M. Debono spjega l-evalwazzjoni tar-rati li kien għamel, dwar it-tender tar-*road resurfacing*. Hu qal li skont kif inhuma indikati l-prezzijiet, l-Asfaltar huwa l-għola u għandu jinqata barra u d-deċiżjoni tiġi bejn Polidano Bros u Bitmac Ltd.

*Daħal lura l-kunsillier P. Pace fis-seduta fit-8.35pm*

Il-kunsillier J. Galea qal li mhux l-ewwel darba li kellna problemi meta ħadmulna Polidano Bros u kellu jerġa jinqala x-xogħol. Ġie nnotat ukoll li l-perit tal-kunsill ma jsibx problemi biex jaħdem maż-żewġ kuntratturi msemmija.

Il-kunsillier M. Debono qal li hemm bżonn isir naqra patching fi Triq San Piju V max-Xatt.

Is-sindku N. Dimech ippropona li t-tender tingħata lil Polidano Bros fuq bażi ta' prezzijijiet kif ukoll minħabba l-esperjenza li diġa ħdimna magħhom. Il-viċi sindku J. Gonzi issekondat. Il-kunsilliera C. Engerer, J. Galea u P. Pace ivvotaw favur. Filwaqt li l-kunsilliera M. Aquilina, M. Debono u N. Gauci astjenew. It-tender ingħata lil Polidano Bros b'ħames voti favur u tlett astensjonijiet.

Is-segretarju eżekuttiv spjega l-proċess li trid titwaħħal nota lil min ingħatat din it-tender

fuq in-*notice board* tal-kunsill filwaqt li jiġu avżati l-kuntratturi l-oħra li ma ġewx magħżula. Jekk wara għaxart'ijiem ma jkollna l-ebda ilment it-tender tingħata lil Polidano Bros.

3.18 Talba minn *Sliema Puttinu Cares Cancer support group* għall-għajnuna. Il-kunsill qabel li jgħin billi joffri Euro 116.50.

3.19 Is-segretarju eżekuttiv informa lill-kunsill bil-*management letter* li kienet waħda pożittiva u r-risposta li ntbagħtet min-naħa tal-kunsill.

3.20 Talba mill-MEUSAC għall-permess għall-attivita li se ssir fis-17 ta' Settembru, 2009. Il-kunsill ma' sab l-ebda oġġezzjoni għal dan.

*Il-viċi sindku J. Gonzi ġiet skużata li titlaq mis-seduta fit-8.55pm*

3.21 Is-segretarju eżekuttiv informa lill-kunsill bil-memo 48/2009 dwar fondi speċjali. Il-kunsill qabel li għandu jagħmel xi *resurfacing* tat-toroq u japplika għal fondi għal dan ix-xogħol.

**5. Approvazzjoni tal-pagamenti**

5.1 Il-kunsillier J. Galea ippropona li tiġi approvata l-iskeda tal-pagamenti minn ċekk numru 10458 sa 10528. Il-kunsillier C. Engerer issekondah. Is-sindku N. Dimech, il-kunsilliera M. Aquilina, N. Gauci, M. Debono u P. Pace ivvotaw favur.

*Il-kunsilliera M. Aquilina ġiet skużata li titlaq mis-seduta fid-9pm.*

5.2 Il-kunsillier M. Debono issuġġerixxa li l-agenda, l-minuti u l-iskeda tal-pagamenti jibdew jintbagħtu bl-idejn mil-ħaddiema tal-kunsill kif kien isir qabel. Is-segretarju eżekuttiv fakkar li fl-ewwel seduta kien hemm qbil mill-kunsilliera stess li dawn jibdew jintbagħtu bl-email. Madankollu f'din is-seduta l-kunsilliera preżenti qablu li d-dokumenti msemmija għal kull seduta jintbagħtu kemm bl-idejn kif ukoll bl-email. Il-kunsillier C. Engerer qal li għalih huwa biżżejjed li jintbagħtu bl-email biss.

**4. Mistoqsijiet mill-kunsilliera**

4.1 Is-sindku N. Dimech ippropona li l-kunsillier E. Cuschieri jiġi nnominat għal premju anzjan tas-sena 2009. Il-kunsilliera preżenti C. Engerer, M. Debono, N. Gauci, J. Galea u P. Pace qablu ma dan.

4.2 Il-kunsillier J. Galea qal li hemm bżonn isiru xi *parking lines* fi Triq Sir Gorg Borg wara l-*Metropole*.

4.3 Il-kunsillier N. Gauci qal li hemm bżonn tiġi rrifriskata z-*zebra crossing* ta' fejn l-Għassa, kif ukoll ir-*road marking* li hemm qisa *roundabout* ta' Triq Rudolph ma' Mrabat.

4.4 Il-kunsillier C. Engerer qal li hemm bżonn jiġu rrifriskati l-linji fix-Xatt ta' Tigne in-naħa tal-knisja tan-Nazzarenu minħabba li hemm tabella '*park within the lines*' pero l-linji ma tantx jidhru.

4.5 Is-sindku N. Dimech qal li hemm bżonn isir ta' *patching* fix-Xatt in-naħa ta' Triq Manwel Dimech.

4.6 Il-kunsillier M. Debono issuġġerixxa li għandu jsir *fish bone* parking bħala prova fi Triq Dingli n-naħa t'isfel (nieżel min-naħa ta' St Patricks School).

**6. Aġġudikazzjoni tat-tender – EU Funding Services**

Dan l-item ma ġiex diskuss.

**7. Affarijiet oħra**

Ma kienx hemm affarijiet oħra

Is-seduta ntemmet fid-9.18pm. Seduta oħra ġiet imsejħa għal nhar l-Erbgħa 16 ta' Settembru, 2009 fil-5.30pm.

**Nikki Dimech**
**Sindku**

**Josef Grech**
**Segretarju Eżekuttiv**